**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**John Vella**

Numru: 120/2011

Illum 27 ta' Jannar 2016

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **John Vella,** ta' tlieta u erbghin (43) sena, iben Carmel u Margaret nee' Azzopardi, imwieled ix-Xaghra, Ghawdex, nhar it-22 ta' Jannar 1968, u joqghod fil-fond numru 106, Triq San Dminka, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta' tal-identita' bin-numru 3468G, akkuzat talli nhar il-11 u t-12 ta' Novembru 2011, minn gewwa fond li jinsab fi Triq Mons Luigi Vella, Rabat, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-gzejjer, f'hinijiet differenti;

1. Ikkommetta serq ta' mutur (winch tal-gebel) liema serq huwa aggravat bil-hin, lok, u valur liema valur ma jammontax ghal aktar

minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Carmel Attard u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ikkaguna hsara volontarja fil-propjeta' ta' Mons. Dr. Joseph Vella Gauci liema hsara tammonta ghal aktar minn mija u sittax–il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) izda ma taqbizx l-elf mija u erbgha u sittin euro u tmienja u sittin centezmu (1,164.69) u dan ghad-detriment tal-istess Mons. Dr. Joseph Vella Gauci;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sabiex jezercita' dritt li jippretendi li ghandu fixkel lil Mons. Dr. Joseph Vella Gauci fil-pussess ta' hwejgu u hatt bini kif ukoll b'xi mod iehor kontra l-ligi ndahal fi hwejjeg haddiehor;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kkommetta vjolazzjoni ta' propjeta' ghad-dannu tas-sid Mons. Dr. Joseph Vella Gauci;

5. U aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta u Ghawdex liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "G" – *a fol.* 63).

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2015 il-Qorti tat cans lill-Prosekuzzjoni, *parte civile* u d-difiza sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi d-difiza baqghet ma pprezentatx s-sottomissjoni taghha bil-miktub, minkejja li nghatat il-fakolta' taghmel hekk.

Rat illi l-Prosekuzzjoni baqghet ma pprezentatx s-sottomissjoni taghha bil-miktub, minkejja li nghatat il-fakolta' taghmel hekk.

Rat illi fil-15 ta' Dicembru 2015, l-parte civile pprezenta s-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**IL-FATTISPECIE TAL-KAZ:**

Dan il-kaz imur lura ghal nhar it-tnax (12) ta' Novembru tal-elfejn u ħdax (2011) meta l-Pulizija irċevew rapport mingħand Mons. Dr. Joseph Vella Gauci li quddiem il-bieb tiegħu bin-numru tmienja (8), fi Triq Mons Luigi Vella, ir-Rabat, kien hemm vettura li kienet qed tagħlaq l-aċċess ghall-proprjeta' tieghu. Il-Pulizija kienu marru fuq il-post fejn kien indikat lilhom illi fil-fond kienu tnehhew t-tliet filati ta' opramorta minn fuq il-bejt u kien allega illi dawn kienu tneħħew mill-imputat John Vella.

Mons. Vella Gauci kien indika lill-istess Pulizija illi kien hemm mutur li kien insteraq minn fuq il-post, liema mutur kien ta' ċertu Carmel Attard, l-bennej li kien qiegħed jagħmel ix-xogħol tal-ġebel fl-imsemmija residenza fejn xħin ġie mitkellem l-istess Carmel Attard kien stqarr illi dan il-mutur kien rah il-lejl ta' qabel.

Minn tfittxija li saret għall-mutur f'diversi proprjetajiet tal-imputat il-mutur ma nstabx.

Dakinnhar tal-kaz l-imputat qal lill-pulizija li kien hu li nehha l-gebel u qal li dan kien minn proprjeta' tieghu u hallihom fl-istess proprjeta' tieghu u ma kien ghamel hsara lil hadd.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI:**

**<u>Dewmien ta' procedura</u>**

Il-Qorti tinnota li l-proceduri marbuta ma' dan il-kaz bdew fl-2011. Bidel l-idejn minghand Magistrat ghal iehor. F'dan ix-xenarju ta' dewmien bla bzonn, din il-Qorti ittenni dak li qalet l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Anthony Azzopardi**" [4.2.2010] u cioe' li:-

> *"Ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza li biz-zieda enormi fil-kompetenza taghhom f'dawn l-ahhar snin il-Qrati tal-Magistrati gew inondati bix-xoghol u qed jahdmu taht pressjoni liema bhalha, dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata u kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f'isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni. Huma l-gudikanti li jirregolaw it-tempo li bih titmexxa – jew ma titmexxiex - kawza. Din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, mhix accettabbli u hemm bzonn li tigi korretta b'mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju u stabbilit bil-ligi."*

Dwar dan esprimiet ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Samuel Onyeabor vs. Avukat Generali** deciza nhar it-Tnejn 14 ta' Dicembru 2015:

> *Huwa minnu illi l-każ kien x'aktarx kompless u kien jeħtieġ ċerta tħejjija. Madankollu, dan ma jfissirx illi seba' snin kienu meħtieġa biex il-proċess, mhux jintemm, iżda jitwassal sal-istadju li għall-inqas jinħareġ l-att ta' akkuża. Fil-fatt eżami tal-proċess ta' kumpilazzjoni*

*juri illi d-dewmien kien mhux minħabba l-komplessità tal-każ jew minħabba l-volum ta' xiehda, iżda minħabba l-mod kif il-proċess tmexxa, li juri illi n-nuqqas aktar milli f'parti jew f'oħra qiegħed fis-sistema nnifsu, li ma jħallix li proċess jibda u jintemm iżda jitkarkar: il-għir tax-xiehda jsir bin-nifs, seduti jinħlew billi jinstema' biss xhud wieħed għal ftit minuti, seduti oħra jkollhom jitħassru għax lill-Qorti stess jew lill-Prosekuzzjoni jidħlilhom xogħol ieħor aktar urġenti u jitħassru ukoll seduti għal raġunijiet varji. Naturalment, aktar ma l-proċess jieħu fit-tul, aktar tqum il-possibilità li jinqalgħu ostakoli, li jkomplu jwasslu għal aktar dewmien.*

*Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, tapprezza illi l-volum ta' xogħol u n-nuqqas ta' riżorsi jwasslu għal sitwazzjoni fejn ma jibqax possibbli li kull kaz jingħata l-attenzjoni indiviża biex jitmexxa b'ħeffa u bla ħela ta' żmien. Iżda dan ma huwiex ġustifikazzjoni; anzi jfisser illi l-Istat qiegħed jonqos mill-obbligu tiegħu li jara li s-sistema ġudizzjarju jkollu r-riżorsi kollha meħtieġa biex jista' jimxi b'ħeffa u b'efficjenza waqt li fl-istess ħin jitħarsu l-interessi tal- ġustizzja. Ma nistgħux ma ngħidux ukoll, iżda, illi hemm nuqqasijiet ukoll min-naħa tal-operaturi tas-sistema, għax hija l-inerzja li twassal biex l-affarijiet inkomplu nagħmluhom b'dan il- mod "għax dejjem hekk sar", u għalhekk, għalkemm nafu li jsiru ħażin, inkomplu nagħmluhom hekk.*[1]

Il-Qorti ttenni li mhix ha thalli lil min jabbuza mis-sistema legali biex kazijiet li normalment ghandhom ikunu decizi f'numru ta' seduti jiehdu dan it-tul kollu kif gara f'dan il-kaz.

**L-ahjar prova:**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

[1] Rikors numru 18/2014 TM, Imhallef Giannino Caruana Demajo (Agent President), Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph Zammit McKeon.

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' Settembru 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et**' u tghid pero' mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li dubju jkun dak dettat mir-raguni.

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet 'Il-**Pulizija vs Peter Ebejer**', dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minnn Lord Denning fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice.*"

Huwa importanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi indizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet 'Il-**Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader**' hemm referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen**' [1952] AC 480, 489.

> "*It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference.*"

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru 1998 fil-kawza fl-ismijiet 'Il-**Pulizija vs Joseph Gauci et**', li:

> "*Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics.*"

Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif wkoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Il-Qorti pero' thoss li fic-cirkostanzi ghandha tara jekk il-fatti specie tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitati lill-imputat.

**Distinzjoni bejn ir-reat tas-serq u dak tar-*raggion fattasi*:**

Illi d-distinzjoni bejn ir-reat tas-serq u dak tar-*raggion fattasi* giet esposta b'mod esawrjenti f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Police vs Siddy Sangari** deciza fis-16 ta' Lulju 2010 (per Prim'Imhallef Vincent De Gaetano) fejn il-Qorti stqarret:[2]

> "It is trite knowledge that for the offence of arbitrary exercise of a pretended right to subsist, the interference with another's property, moveable or immoveable, must be effected "without intent to steal or to cause any wrongful damage, (sottolinjar ta' din l-Qorti) but only in the exercise of a pretended right". The words underlined clearly imply that in the first place **there must be the exclusion of the intent to steal** (sottolinjar tal-Qorti); the intent to exercise a pretended right coupled with the intent to steal (that is, the intent to steal for the purpose of exercising a pretended right) would put the material element of the offence outside the ambit of Article 85(1) (see inter alia **Il-Pulizija v. Godwin Zammit**, Court of Criminal Appeal, 20/11/1998). Although as was stated by this Court in its judgment of the 15/11/1996 in the names **Il-Pulizija v. Mario Lungaro** the particular intent with which the material act is committed will generally determine whether the offence is one of ragion fattasi or some other offence, such as voluntary damage to property or theft, the starting point must always be to examine whether the intent to steal can be excluded.
>
> In the words of Luigi Maino (***Commento al Codice Penale Italiano*** [*terza ristampa della terza edizione*], UTET, 1922, vol. IV, pp. 13-14, para. 1842:
>
> **"Nel reato di furto il dolo e` di doppia specie, cioe` generico, o consistente nella scienza e volonta` di fare cosa illegittima, e**

[2] Is-sentenza inghatat bil-lingwa Ingliza billi l-proceduti kienu bl-ingliz peress illi l-imputat ma huwiex ta' nazzjonalita' Maltija

**specifico, ossia dipendente dall'animo di lucro, che differenzia questo delitto da altra specie di reati contro la proprieta`. Per mancanza di dolo generico non risponde di furto chi abbia preso la cosa altrui per semplice disavvertenza; chi per errore creda esservi il consenso del proprietario al suo impossessarsi della medesima; chi in buona FEDE ha creduto trattarsi di cosa abbandonata."**

As was pointed out by this Court (Galea Debono, J.) in its judgment of the 30/1/2003 in the names **Il-Pulizija v. John Galea u Paul Galea**, the gain envisaged by the *animus lucrandi* – the specific intent – for the purpose of theft is not necessarily a pecuniary gain. There would be "gain" if the person takes something, belonging to another person, simply for the former to enjoy the thing so taken (e.g. a painting or other piece of art).

Again in the words of Maino:

**"…per *lucro* o *profitto* nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo` ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque soddisfazione procurata a se` stesso, onde anche chi rubi per donare o chi sottragga per mero diletto artistico un'opera d'arte, anche lasciando al proprietario il prezzo od altro oggetto di pregio equivalente o superiore, e` responsabile di furto."**

But then this same author goes on to qualify the gain required for the purpose of theft as being an illicit or unlawful gain – *profitto illecito* – and on the basis of this qualification goes on to state (and the following quotation was reproduced, apparently with approval, in the **Galea** case, abovementioned):

**"…non sara` dunque applicabile il titolo di furto, ma quello di ragion fattasi, a chi prenda una cosa del suo debitore per**

**rivalersi o garantirsi del suo credito e a chi sotragga una cosa litigiosa nella credenza di avervi diritto: e cio` perche` in tali casi la coscienza del diritto esclude il dolo del furto, sostituendo al proposito di procurarsi un *illecito* profitto quello di evitarsi un danno."**

This Court, as now presided, cannot completely agree with this proposition. Carrara's definition of theft does not require that the gain should be an illicit or illegal gain – *animo di farne lucro* and not *animo di farne ingiusto lucro*.

Moreover, the definition of the offence of *ragion fattasi* in the *Codice Zanardelli* – to which Maino was evidently referring when writing – *Articolo 235* – did not, unlike our Article 85(1), require specifically, as a starting point, the exclusion of the intent to steal; that provision merely provided *"Chiunque, al solo fine di esercitare un preteso diritto, nei casi in cui potrebbe ricorrere all'Autorita`, si fa ragione di se` medesimo…"*. Our law, as we have seen, specifically requires not only the intent to exercise a pretended right, but also that this pretended right should not be exercised concurrently with any intent to steal: (sottolinjar ta' din il-Qorti)

*"…without intent to steal…but only in the exercise of a pretended right…"*.

Consequently it is immaterial whether the gain is *giusto* or *ingiusto*. This also appears to be the position taken by modern Italian jurists. Thus Francesco Antolisei, in his ***Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I*** Giuffre` Editore (Milano) 1986, pp. 255-256 comments as follows:

**"…il legislatore non ha voluto permettere che colui il quale vanta una pretesa legittima possa soddisfarla, prendendosi senz'altro le cose altrui. La tutela del possesso realizzata con**

**l'incriminazione del furto sarebbe molto affievolita se si ammettesse una facolta` cosi` estesa…Riteniamo, pertanto, che l'ingiustizia del profitto sia estranea alla nozione del furto, il quale, percio`, sussiste anche se il vantaggio a cui mirava l'agente non presentava quel carattere, e cioe` era legittimo.""**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 261(c), 261(e), 261(f), 267, 270 u 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi l-imputat qed jigi akkuzat li seraq mutur (winch tal-gebel), liema serq huwa allegat li sar bil-kwalifiki tal-hin, tal-lok u tal-valur. Il-Qorti ser l-ewwel tikkunsidra r-reat ta' serq *per se* u, f'kaz li dan jigi pruvat, tikkunsidra t-tliet kwalifiki msemmija.

**<u>Definizzjoni ta' serq:</u>**

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> *"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro"*.
>
> (ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi ukoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:

> *"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Illi l-Qorti semghet kif l-imputat cahad li seraq il-mutur. Mill-provi jirrizulta li kien l-imputat li wettaq ix-xoghlijiet ta' hatt tal-opramorta fejn kien il-mutur, kien l-imputat li dahal hemm dakinhar, kien l-imputat li mbarra l-bieb tal-proprjeta' tal-kwerelant bit-trakk biex jassikura li ma jidhol hadd. Illi mix-xhieda ta' Carmel Attard (*a fol.* 73) jirrizulta li l-Gimgha filghaxija l-mutur kien hemm. Mix-xhieda tas-Surgent Portelli (*a fol.* 64) jirrizulta li s-Sibt filghodu dan kien gheb kif ghebet l-apramorta u l-gebel taghha. L-imputat ammetta l-hatt tal-gebel (*a fol.* 83).

Wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha din il-Qorti hija tal-fehema li veru li ma hemm l-ebda prova diretta tas-serq tal-mutur da parti tal-imputat, izda tenut kont tac-cirkostanzi kollha din il-Qorti hi sodisfatta li hemm provi indizjarji bizzejjed li abbazi taghhom din il-Qorti tista' legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li l-imputat seraq il-mutur.

**Serq ikkwalifikat bil-valur:**

Dwar l-aggravju tal-valur il-Qorti taghmel referenza ghal dak li tiddisponi l-ligi u cioe' l-Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

*"Is-serq huwa kkwalifikat bil-"valur", meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94)".*

Illi, tenut kont ta' dak li ghadu kemm nghad hawn fuq maghdud mal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta li l-aggravju tal-valur ma jirrizultax ghaliex ma ngabitx prova sodisfacenti li l-mutur (winch tal-gebel) kien jiswa' aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94).

**<u>Serq ikkwalifikat bil-lok:</u>**

Dwar l-aggravju tal-lok il-Qorti taghmel referenza ghal dak li tiddisponi l-Ligi u cioe' l-Artikolu 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

*"Huwa kkwalifikat bil-lok is-serq li jsir – f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li taghmel maghha."*

Illi, tenut kont ta' dak li ghadu kemm nghad hawn fuq maghdud mal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta li l-aggravju tal-lok fl-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma jirrizultax ghaliex veru li l-proprjeta' kienet ta' Monsinjur Dr. Joe Vella Gauci izda ma kinitx id-dar ta' abitazzjoni tieghu.

**<u>Serq ikkwalifikat bil-hin:</u>**

Dwar l-aggravju tal-hin il-Qorti taghmel referenza ghal dak li tiddisponi l-ligi u cioe' l-Artikolu 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

*Huwa kkwalifikat bil-hin is-serq li jsir bil-lejl, jigifieri bejn inzul u t-tlugh ix-xemx.*

Illi, tenut kont ta' dak li ghadu hemm inghad hawn fuq maghdud ma-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, ma jirrizultax li l-aggravju tal-hin fl-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat gie sodisfacentament ppruvat.

**<u>Serq Semplici:</u>**

Il-Qorti se ssib hati lill-imputat ghas-serq semplici kif jiprovdi Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

> *Is-serq mhux akkumpanjat minn waħda mill-kwalifiki msemmijin fl-artikolu 261 huwa serq semplici.*

**<u>It-tieni (2) imputazzjoni</u>**
**<u>Artikolu 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:</u>**

Artikolu 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> *Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew jgħarraq ħwejjeg ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jinsab ħati -*
>
> *(b) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri elf mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin centeżmu (1,164.69), imma jkun izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgħa u erbgħin centeżmu (116.47), il-piena ta' prigunerija minn ħames xhur sa sena;*

L-ewwel nett issir referenza ghal sentenza moghtija fl-24 ta' Frar 2003 fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Joseph Zahra**, fejn gew elenkati l-metodi kif jista' jigi determinat il-valur ta' hsarat. F'dik is-sentenza ntqal hekk:

> *"Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) tal-artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet tal-artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali (moqri mal-artikolu 335 tal-istess Kodici) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-*

*gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett inkwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fl-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-Qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara."*

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u tenut kont ta' dak kollu li gie mismugh mill-Qorti, jirrizulta li b'dak li ghamel l-imputat, m'hemmx dubju li din l-akkuza giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-<u>imputazzjoni numru tnejn (2)</u> migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata ghaliex mill-esperjenza tal-hajja tal-esponent b'ghandhux dubju li l-hsara li saret kienet ta' aktar minn mija u sittax-il ewro u sebgħa u erbgħin centeżmu (€116.47).

<u>**It-tielet (3) imputazzjoni**</u>
<u>**Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:**</u>

Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-ligi, iżda biss biex jezercita' jedd li jippretendi li għandu, igiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejgu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-ligi, jindaħal fi ħwejjeg ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur:*

*Iżda, il-Qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija, tagħti l-piena tal-multa.*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci**, deciza fis-7 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

"Fil-ligi taghna r-reat ta' *ragion fattasi* mhux meqjus bhala delitt kontra l-proprjeta' izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra".

Illi l-Qorti tinnota li huwa ormai stabbilit li l-elementi kostituttivi tar-reat ta' *ragion fattasi*, huma erbgha, u cioé:

> "(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor;
>
> (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;
>
> (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel '*di privato braccio*' dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, '*la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato*'); u
>
> (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, **Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia**, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia**, Appell Kriminali 17 ta' Frar, 1995; **Il-Pulizija vs. Carmelo Ciantar**, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **Annotazioni alle Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' **ragion fattasi** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' **ragion fattasi** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrilevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".[3]

Huwa sufficjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Ghall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa bizzejjed xi forma ta' pussess.

[3] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996.

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u tenut kont ta' dak kollu li gie mismugh mill-Qorti, jirrizulta li b'dak li ghamel l-imputat, m'hemmx dubju li r-reat ta' *ragion fattasi* gie sodisfacentement pruvat u b'hekk l-imputazzjoni numru tlieta (3) migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

**Ir-raba' (4) imputazzjoni**
**Artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:**

Artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> *"Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-proprjetà, kull min [...] (d) bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, jagħmel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta' ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band'oħra f'dan il-Kodiċi".*

Riferenza sejra ssir ghad-decizjoni fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Joseph Attard**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Settembru 2008, fejn il-Qorti qalet hekk:

> *"Gie sottomess fil-kors tad-dibattitu orali quddiem din il-Qorti illi l-ewwel imputazzjoni postulata fl-inciz (d) tal-Artikolu 340 tal-Kapitolu 9 ma kinitx tregi ghax kien jonqos l-element tal-hsara tas-sid jew tad-detentur. Wiehed necessarjament jifhem illi l-"hsara" ghal liema tirreferi l-kontravenzjoni fl-artikolu succitat trid tkun wahda materjali jew, almenu, ta' pregudizzju ghall-proprjeta' jew ghad-detenzjoni".*

In segwitu ta' dan, il-Qorti hija sodisfatta li effettivement bl-azzjoni tal-imputat Vella gie kommess il-"hsara" rikjest taht Artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-imputat se jinstab hati tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

**Il-hames (5) imputazzjoni**
**Ksur ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:**

L-imputat qieghed ikun akkuzat ukoll li sar ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi saru definittivi.

Skont gurisprudenza kostanti, il-prova tar-recidiva – sakemm ma jkunx hemm ammissjoni – hija;

> *"billi tigi esibita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva u wara issir il-prova tal-identita'. L-obbligu tal-Prosekuzzjoni li tesibixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem minkejja l-ezenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova tal-identita'. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma' fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-akkuzat kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati.*
>
> *Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita' li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti."*
>
> Ma' din is-silta mis-sentenza li ghaliha saret riferenza l-Qorti qed izzid *"li l-prova tar-recidiva, barra mill-ammissjoni tal-imputat innifsu tista' ssir ukoll billi tkun prodotta kopja tas-sentenza li jkun hemm indikat fiha n-numru tal-identita'. Dan in-numru jkun jista' jitqabbel ma' dak li jkollu l-imputat jew l-akkuzat. Ma jistax ikun hawn zewg persuni li jkollhom l-istess numru tal-identita'"*.[4]

Il-Prosekuzzjoni esebiet is-sentenza moghtija fil-5 ta' Settembru 2011 **Il-Pulizija vs John Vella** (Dok D a fol. 23) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali kkundannatu ghal multa ta' hames mitt Ewro (€500), is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fis-23 ta' Lulju 2010 **Il-Pulizija vs John Vella** (Dok E a fol. 32) fejn kien ikkundannat ihallas multa fis-somma ta' elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin

[4] Appell Kriminali Il-Pulizija Vs Joseph Darmanin deciz mill-Imhallef Lawrence Quintano fid-9 ta' Lulju, 2012

centezmu (€1164.69) u ghalhekk l-imputazzjoni marbuta mar-recidiva giet ampjament pruvata skont il-ligi.

**<u>Konsiderazzjonijiet dwar il-piena:</u>**

Il-Qorti se tfakkar lill-imputat x'kienet rrimarkat il-Magistrat Consuelo Scerri Herrera fis-sentenza taghha tat-23 ta' Lulju 2010:

> *Jidher car li l-imputat ma tghallimx mill-opportunitajiet moghtija lilu, u ghalhekk il-Qorti thoss li ma tistax tibqa' taghti l-impressjoni li l-imputat m'ghandux ihallas ta' dak li ghamel. Il-Qorti ghalhekk thoss li din hija l-ahhar opportunita' li qed tinghata lill-imputat qabel ma tuza l-id iebsa u tikkundannah piena karcerarja. Jinghad li l-imputat ghandu jikkalma t-temperament tieghu u jagixxi skont il-Ligi, ghaliex darb'ohra li jidher quddiem din il-Qorti u jinsab hati, sejra tkun din l-istess Qorti li tibaghtu l-habs. Thoss ghalhekk li ghandha timponi piena finanzjarja ta' multa fil-massimu taghha, bl-isperanza li din tintuza bhala deterrent li l-imputat izomm 'il boghod mill-hajja ta' kriminalita'.*

**L-imputat b'dak li ghamel fil-11 u t-12 ta' Novembru 2011 sfida lill-Qorti u wera li hu jippretendi li ghandu dritt jaghmel li jrid, jikser il-Ligijiet tal-pajjiz, mhux kapaci jghix f'armonija mal-ohrajn f'socjeta' civilizzata u jigi jaqa' u jqum ghax jahseb li dejjem se jibqa' jsib il-hniena.**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li *l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bl-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu*

*inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[5]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghall-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi aktar minn hekk il-Ligi tipprospetta li l-esekuzzjoni ta' sentenza (ta' prigunerija) tigi sospiza ghall-perijodu ta' zmien.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza Il-Pulizija vs Maurice Agius[6] dik il-Qorti qalet hekk:

> *Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma*

[5] Ref Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.
[6] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe`biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

Il-Qorti thoss li f'dan il-kaz barra dak li tipprovdi l-ligi fejn tidhol piena, hemm bzonn ta' gustizzja ta' rikonciljazzjoni.

Dwar dan tkellem tant tajjeb Papa Frangisku meta kien qieghed jindirizza lill-partecipanti tal-Konvenju Nazzjonali tal-Kappillani tal-Habsijiet Taljani nhar l-Erbgha 23 ta' Ottubru 2013 "*Dan l-aħħar tkellimtu dwar ġustizzja ta' rikonċiljazzjoni, imma anki dwar ġustizzja ta' tama, ta' bibien miftuħa, ta' orizzonti. Din mhix utopija, nistgħu naslu għaliha. Mhix faċli, għax id-dgħufijiet tagħna qegħdin kullimkien, it-tentazzjonijiet qegħdin kullimkien, imma dejjem għandna nippruvaw.*"

Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju li r-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat huma reati ta' certu gravita'.

Il-Qorti kif preseduta temmen li persuna ghandha tithallielu tieqa ghall-futur, *a window of opportunity* b'piena mhix wahda karcerarja, b'diversi mizuri a) jikkontribwixxi lis-Socjeta', b) jikkontribwixxi lill-kwerelant ghall-hsara li kkagunalu, c) inehhi l-inkonvenjent li holoq lill-kwerelant

u d) giljottina fuq rasu li jekk ma jaghzilx li jimxi fit-triq it-tajba se jbati l-konsegwenzi.

**DECIDE:**

Ghal dawn ilpmottivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 17, 49, 50, 261, 267, 269, 270, 284, 325(1), 340 (d) u 377 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat John Vella hati tal-ewwel (1) imputazzjoni izda ta' serqa semplici minghajr kwalifiki ndikati fl-Artikolu 261, tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u l-hames (5) akkuza.

Tenut kont ta' dak li nghad aktar il-fuq rigward il-hsarat kagunati fil-konfront tal-kwerelant, il-Qorti ser tghaddi biex tillikwida *arbitrio boni viri* d-danni favur il-kwerelant fl-ammont ta' hames mija u hamsa u sebghin ewro (€575.00). Il-Qorti ser taghzel li timponi piena li tikkomprendi ordni ta' hlas.

Ghaldaqstant, il-Qorti issib lill-imputat John Vella hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah dwar t-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuzi multa komplessiva ta' elf ewro (€1000) u dwar l-ewwel (1) imputazzjoni b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum u tordna li fi zmien xahar mil-lum l-imputat ihallas s-somma ta' hames mija u hamsa u sebghin ewro (€575.00) lill-kwerelant.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata u jekk ma jhallasx is-somma ta' hames mija u hamsa u sebghin ewro (€575.00) lill-kwerelant fiz-zmien lilu moghti.

Finalment, il-Qorti tobbliga lill-hati sabiex sat-13 ta' Marzu 2016 jerga' jnehhi l-inkonvenjent lamentat u cioe' li jaghti access ghat-terrazzin lill-kwerelant fuq penali ta' tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin

centezmu (€23.29) ammenda ghal kull jum ta' nuqqas skont l-Artikolu 377 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

______________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**